MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 94/2005

George Borg

vs

Victor Hili

Il-Qorti,

PRELIMINARI

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta illi:

Illi nhar l-għoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta (20/07/2003) waqt li l-attur kien qiegħed isuq il-motorcycle tiegħu tal-marka Honda bin-numru GAO 648, fi triq Santa Domenica, Victoria, Għawdex, huwa kien involut f'inċident awtomobilistiku, ma' vettura oħra misjuqa mill-konvenut tal-makra Opel Astra bin-numru JBF 124.

Illi dan l-inċident awtomobilistiku seħħ unikament tort u ħtija tal-konvenut, minħabba negliġenza, imperizja u non osservanza tar-regolament tat-traffiku da parti tiegħu, b'mod speċjali minħabba manuvra ażżardata da parti tiegħu.

Illi kawża ta' dan l-inċident l-attur sofra danni fi ħwejjġu, kif ukoll fuq persuntu b'mod speċjali huwa sofra debilita permanenti.

Illi allura kawza ta' dan l-inċident l-attur sofra diversi danni konsistenti kemm f'danni inġenti kif ukoll f'lukri ċessanti.

Illi l-attur irid jiġi kkompensat għal dawn id-danni, u minkejja diversi interpellazzjonijiet naqas minn li jersaq għal xi likwidazzjoni.

Talab lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-inċident fuq imsemmi li seħħ nhar l-għoxrin (20) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta (20/07/2003) fi Triq Santa Domenica Victoria, Għawdex, seħħ unikament ħtija tal-konvenut.

2. Tillikwida dawk id-danni kollha sofferti minn l-attur, u dan kemm dawk li huma danni emerġenti kif ukoll lukri ċessanti.

3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas dawk id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjeż kollha inklużi dawk ta' l-ittra uffiċċjali ta' Ottubru 2003, kif ukoll dik spedita kontestwalment ma' din iċ-ċitazzjoni lil kumpanija assikuratriċi ta' l-4 ta' Diċembru 2003, tas-16 ta' Marzu 2004, 30 ta' Lulju 2004, tas-17 ta' Novembru, 2004, u tat-23 ta' Awissu 2005. Bl-inġunzjoni tal-konvenut minn issa għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur debitament maħlufa minnu.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa illi:

Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u

1. għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kollha kontra l-attur;
2. Illi l-inċident mertu in kawża ġara unikament tort tal-konvenut minħabba sewqan eċċessiv u bi traskuraġni;

3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut maħlufa minnu.

Rat id-digriet tagħha tal-31 ta' Jannar 2006 fejn innominat lill-kirurgu Mr. Carmel J. Sciberras bħala espert mediku sabiex jirrelata dwar is-saħħa ta' l-attur.

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert mediku ppreżentata fit-3 ta' April 2006 u minnu maħlufa fis-27 ta' Novembru 2006.

Rat id-digriet tagħha ta' l-10 ta' Ottuubru 2008 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti u affidavits esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża għad-danni magħmula mill-attur in segwitu għal inċident stradali li fih huwa spiċċa ntefa' taħt il-karozza misjuqa mill-konvenut wara li skiddja hekk kif applika l-brakes tal-*motor cycle* tiegħu biex jevita li jaħbat ma' din il-karozza. Konsegwenza ta' hekk, apparti li ġie danneġġjat dan il-*motor cycle*, huwa sofra ġrieħi ta' natura permanenti fuq il-persuna tiegħu. L-azzjoni esperita hi għalhekk dik bażata fuq il-Lex Aquilia,[1] li bażi tagħha jista'

[1] 44 Dig. Del leg. aquil. IX, 2 .

jkun id-delitt, f'każ ta' *dolo,* jew il-kważi delitt, f'każ ta' c*olpa*, kif jippretendi li hu l-każ preżenti l-attur.[2]

Il-**Giorgi** jgħallem f'dan ir-rigward:

"*E' detta colpa in senso generale della nostra scienza qualunque violazione di un obbligo giuridico; anche la violazione dolosa. In senso piu' ristretto la parola colpa esclude il dolo, e significa volontaria omissione di diligenza, per cui non prevediamo le conseguenze illecite di una commissione od ommissione, e violiamo senza avvedercene un nostro dovere giuridico. Pero', si dice, che l'inadempimento dell'obbligazione dipende da colpa, quando sebbene la causa dell' inadempimento sia stata l'opera del debitore medesimo, costui non ne abbia avuta la coscienza, e solo abbia mancato di quella diligenza, che egli era tenuto di usare*."[3]

FATTI

L-inċident mertu tal-kawża ġara waqt li l-attur kien qed isuq il-*motor cycle* tiegħu fi Triq Santa Domenica, ir-Rabat, Għawdex, mid-direzzjoni tal-Munxar, lejn iċ-ċentru tar-Rabat fl-20 ta' Lulju 2003 għal xi 7.15 p.m. Il-konvenut li kien qed isuq il-karozza tiegħu mid-direzzjoni opposta matul l-istess triq bl-intenzjoni li jaqbad l-inkroċju (Y *intersection*) bejn din it-triq u Triq l-Isptar, Fontana, hekk kif wasal f'salib it-toroq waqaf. L-attur ibbrejkja biex jevita li jaħbat mal-karozza, imma l-mutur skiddjalu u spiċċa bil-mutur b'kollox taħt il-karozza.[4] B'konsegwenza ta' hekk, il-*motor cycle* ta' l-attur ġarrab xi ħsara. Imma agħar minn hekk l-attur stess weġġa' u spiċċa b'debilita' permanenti f'siequ l-leminija.[5]

RESPONSABILITA'

---

[2] art. 1033 Kap. 16 .

[3] Teoria delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italinao ed. 1903 vol. II. # 18 p. 32 - 33 .

[4] ara rapport ta' l-okkorrenza relattiva a fol. 37 - 39 tal-process, u skizz a fol. 40 .

[5] ara rapport ta' l-espert mediku a fol. 43 – 45 .

Lis-surġent li nvestiga l-każ l-**attur** qallu: "*Kont ġej nsuq minn naħa tal-Munxar lejn ir-Rabat (Gozo Seminary). Kont tiela fuq il-lane tiegħi kważi mal-bankina (Left side), b'veloċita' normali, lil tal-karozza rajtu ġej mill-oppost tiegħi fuq il-lane tiegħi u kif rajt hekk jiena irbatt il-brejk għax l-ieħor waqaf f'nofs ta' triq u jiena skiddjajt u tkaxkart ma' l-art u ġejt taħt il-karozza. Irrid ngħid ukoll li l-indicator tal-karozza ma kienx mixgħhul*." [6]

Il-**konvenut** da parti tiegħu spjegalu l-inċident bil-mod segwenti: "*Kont qed nsuq minn naħa tas-Seminarju biex ndur lejn ix-Xlendi u tal-mutur kien ġej sparat fuqna mill-ewwel u ħabat ġo fina. Jiena rrid ngħid li kelli l-indicator tan-naħa tal-lemin mixgħul. Jiena  għafast il-brejk biex nevita l-ħabta*." [7]

Fil-kors tas-smiegħ ta' din il-kawża l-kontendenti żammew bejn wieħed u ieħor mal-verżjonijiet li kienu taw *a tempo vergine*, bil-konvenut iżid jispeċifika illi huwa waqaf x'ħin ra lill-attur ġej għal fuqu.[8] L-ewwel li raħ kien qisu xi tliet mitt pied 'l bogħod, u rah jibbrejkja x'ħin kien xi mitt pied imbiegħed minnu.

Mill-iskizz redatta *to scale* mis-surġent li nvestiga l-inċident, jidher illi l-karozza misjuqa mill-konvenut minn naħa ta' quddiem kienet kemm xejn miksura għal-lemin, b'tali mod illi ġiet li bdiet tinvadi l-karreġġjata ta' l-attur, mingħajr pero' ma mmblukkathielu għal kollox. Il-mutur ta' l-attur jidher ma' l-art  quddiem il-ġemb ta' quddiem tal-lemin tal-karozza. Dan, skond ix-xhud Mario Borg li mar jassisti lill-attur ftit wara li seħħ l-inċident, kellu jiġi spustat biex huwa ikun jista' joħroġ lil kuġinuh minn taħt il-karozza.[9] Għalkemm ma ġewx indikati fuq l-iskizz, iż-żewġ kontendenti jaqblu li fil-ħin ta' l-inċident kien hemm il-karozzi pparkjati sew fuq in-naħa tax-xellug tat-triq minn fejn kien għaddej il-konvenut, kif ukoll minn naħa tax-xellug fejn kien għaddej l-attur. Dawn pero' x'aktarx laħqu

---

[6] ara okkorrenza fol. 38 .
[7] ibid.
[8] ara depożizzjoni tiegħu a fol. 93 .
[9] ara affidavit tieghu a fol. 50 .

tneħħew sakemm wasal is-surġent fuq il-post. Ma jidhru l-ebda sinjali ta' *brake* jew *skid* marks.

L-inċident stradali in kwistjoni seħħ f'salib it-toroq. Insibu fil-**Highway Code** f'dan ir-rigward illi:

"**84. Use extra care at junctions or intersections. Look out for the relevant traffic signs, traffic lights or carriageway markings and abide by them. Stop at STOP signs… Where there are no such signs exercise discretion and prudence.**

**85. Well before you turn at a junction take full account of the position and movement of following traffic. Signal your intention and, where safe to do so, take up the appropriate position. Wait until there is a safe gap between you and any approaching vehicle before you complete a right turn.**

Il-konvenut isostni li qabel ma ttenta l-manuvra tiegħu xegħel l-*indicator* u waqaf. Imma l-attur tant kien ġej b'veloċita' li għalkemm ibbrejkja, skiddja u spiċċa taħt il-karozza tiegħu. Dwar dan ġie korroborat minn martu li kienet passiġġiera fil-karozza tiegħu. Isostni wkoll li l-attur xorta waħda kellu spazju biżżejjed biex jevita impatt miegħu billi jgħaddi minn quddiemu.  L-attur minn naħa l-oħra jiċħad sew li l-konvenut kien xegħel l-*indicator*, kif ukoll li huwa kien għaddej b'xi veloċita' iżjed minn dik konsentita. Madankollu kif intqal mill-qrati tagħna f'sitwazzjoni simili:

"*Il-manuvra li biha min ikun isuq karozza jaqta' l-linja tat-traffiku li jkun ġej hija manuvra perikoluża, li timponi lil dak id-driver li jagħmel sinjal, u sinjal tempestiv, tal-manuvra li jkun sejjer jagħmel, u jassikura ruħu minn qabel li huwa jista' jagħmel dik il-manuvra bla perikolu. Jekk huwa jonqos minn dawn id-dmirijiet huwa ħati ta' sewqan perikoluż.*

*Hi paċifika l-ġurisprudenzjali f'każ kongruwu l-fatt li minkejja li jista' jirriżulta anke xi eċċess ta' veloċita', ma kellux ikun fatt li jaddebita kontributorjeta' għas-sinistru*

*fuq driver li kien altrimenti qiegħed in piena osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.*

*Min joħroġ l-indicator ikun qiegħed jagħti, kif hu obbligat, avviż lit-traffiku ta' warajh u ta' quddiemu; imma mbagħad ma jistax, sempliċement għax ħareġ l-indicator, jagħmel li jrid, u jikser il-prijorita' li jagħtu r-regolamenti, u jaqleb ir-rule of the road favur tiegħu*." [10]

Fil-każ tagħna huwa evidenti li l-konvenut, minkejja li ra lill-attur ġej mid-direzzjoni opposta, ma qadx jistenna li dan jilħaq jgħaddi qabel ma jittenta l-manuvra tiegħu li jinvadi l-kareġġjata ta' min ikun ġej mid-direzzjoni opposta biex jidħol fi Triq l-Isptar,  imma għażel li jibqa' għaddej. Iżjed u iżjed ma kellux jagħmel dan jekk tassew, kif isostni, l-attur kien riesaq lejh b'veloċita' qawwija, u messu minflok ħallielu t-triq libera biex jibqa' għaddej. Huwa minnu illi x'ħin irrejalizza li mhux ser jevita l-kollizzjoni, l-konvenut waqaf, imma f'dak il-mument huwa ġia kien qabad il-karreġġjata ta' l-attur, b'tali mod li dan sabu ma wiċċu, u ma tħallietlu ebda għażla għajr li jibbrejkja mmedjatament f'tentattiv li jevita impatt mal-vettura tal-konvenut.  Mhux verosimili li, kif jargumenta l-konvenut,  l-attur tħallielu spazju biżżejjed biex jgħaddi minn quddiem il-karozza tiegħu, għax żgur li l-attur ma seta' kellu ebda mod biex ikun jaf li l-konvenut ser jieqaf ħesrem f'nofs it-triq u mhux jibqa' għaddej. Hekk ukoll lanqas ma seta' l-attur kien għaddej b'xi veloċita' daqstant qawwija, għax altrimenti ma kienx sempliċement jitkaxkar għal distanza qasira u jibqa' fuq il-mutur, imma x'aktarx kien itir għal distanza konsiderevoli minn fuqu, b'konsegwenzi ferm aktar gravi għalieh. Fi kwalunkwe każ, pero', kif intqal fis-sentenza hawn fuq ċitata, il-veloċita' tiegħu, anke jekk tassew kien hemm, ħaġa li żgur ma ġietx ippruvata, ma setgħet qatt ikkontribwiet għal dan l-inċident. Il-konvenut jittenta jitfa' l-ħtija għall-iskiddjar tal-mutur fuq l-attur, għax ibbrejkja f'salt u ma kienx kapaċi jikkontrollah. Imma kif ġia ġie spjegat, l-attur ma tħallietlu ebda għażla fiċ-ċirkostanzi, għajr li japplika l-*brakes* f'tentattiv iddisprat li jevita l-impatt.

---

[10] Appell Inferjuri : Mathew Brincat vs Pio Rosario le Brun : 9.11.2005 .

Jirriżulta għalhekk illi għal dan l-inċident jaħti unikament il-konvenut, li ma ħax il-prekawzjonijiet kollha rikjesti mir-regolamenti tat-traffiku biex jagħmel manuvra bħal dik ittentata minnu.

LIKWIDAZZJONI TA' DANNI

Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Madankollu, kif ġie osservat mill-qrati tagħna, f'din il-materja ma hemmx regoli fissi u nflessibbli, ma hemmx *quantitative scale* tad-danni, għax kollox jiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi.[11] Fl-eżerċizzju ta' din id-diskrezzjoni tagħha, il-Qorti qabel ma tasal biex tiffissa l-ammont, għandha tħares lejn iċ-ċirkostanzi molteplici, u tista' ukoll utilment tuża bħala *tests* biex tikkontrolla ċ-ċifra finali, id-diversi modi ta' kompitu suġġerit mill-ġurisprudenza estera f'dan ir-rigward, mingħajr ma tivvinkola ruħha b'xi wieħed minnhom partikolari, sabiex b'dan il-mod ikun dejjem hemm ċerta elastiċita' ta' kriterju adattabbli għall-partikolaritajiet ta' kull fattispecie.[12]

Skond il-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni tinqasam f'żewġ aspetti: id-danni attwali (*damnum emergens*) u t-telf ta' qliegħ futur (*lucrum cessans*).

**Damnum Emergens:**

Ma jidher li kien hemm ebda danni attwali għajr il-ħsara fil-mutur ta' l-attur, li tagħha ġia ġie kkumpensat mid-ditta assikuratriċi tal-konvenut. Jibqa' għalhekk biss sabiex jiġu likwidati d-danni futuri li jista' jsofri l-attur.

**Lucrum Cessan**s:

Dwar il-metodu kif jiġi komputat dan it-telf futur, ma hemm l-ebda regola fissa u l-qrati tagħna adottaw diversi kriterji.

---

[11] Savona vs Asphar : Appell : 23.6.1952 .
[12] Carmelo Fenech vs Antonio Galea; vol. XL. I. 73; Francis Galea vs. Bartolomeo Grech; vol. XLII. II. 1019 .

Kif intqal pjuttost reċentement mill-Qorti ta' l-Appell: "*Jingħad illi l-qrati tagħna fil-pronunċjament tagħhom dwar kriterji li għandhom jintużaw biex jagħmlu tajjeb għall-inċertezzi ta' likwidazzjoni ta' danni li f'każijiet simili dejjem jagħtu lok għalihom, qatt ma rrinuzjaw għall-fakolta' diskrezzjonali tagħhom….. Diversi drabi l-qrati tagħna segwew il-prinċipji enunċjati fil-kawża 'Butler v. Heard'.*[13] Imma kif ġie enfasiżżat f'sentenza oħra ta' dik il-Qorti, ċċitata favorevolment fis-sentenza tagħha f'dik il-kawża: "*Il-Qorti tara li fil-ġurisprudenza tagħna ġie kemm-il darba misħuq li minkejja ċerti prinċipji li jirriżultaw mill-ġurisprudenza, dejjem għandu jkun hemm ċertu elastiċita' ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabilita'. Inoltre, id-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, li meta tingħata b'sentenza m'hijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni. Għalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorispondi kemm jista' jkun mar-rejalta'.*[14] Għal numru ta' snin il-qrati tagħna fil-maġġjor parti tal-każi segwew rigorożament il-metodu stabilt għall-ewwel darba fil-kawża "**Butler vs Heard**". Din il-kawża tagħat oriġini għal dak li jissejjaħ il-*multiplier system* li fiha l-perċentwali tad-debilita' u l-qliegħ annwali tal-korrut jiġu moltiplikati bis-snin tal-ħajja lavorattiva bażata fuq il-*life expectancy* tiegħu miżjud b'perċentwali biex tagħmel tajjeb għall-inflazzjoni u żiediet fil-pagi, u b'riduzzjoni ta' ċertu ammont minħabba l-*lump sum payment*. F'dawn l-aħħar snin pero' dan il-metodu ta' kalkolazzjoni ġie modifikat sabiex ikun iktar rejalistiku u jieħu konsiderazzjoni aħjar taċ-ċirkostanzi taż-żmenijiet attwali.[15]

L-attur jaħdem bħala *manager* mal-Gozo Channel Company Limited. Huwa esebixxa L-FS3 tiegħu għas-sena 2003, u ċioe' għal dik is-sena meta seħħ l-inċident in kwistjoni.[16] Minnha jirriżulta li d-dħul *gross* tiegħu għal dik is-sena kien ta' Lm8608.72.

---

[13] Carmelo sive Charles Micallef et vs Richard Spiteri et : Appell : 15.1.2002

[14] Francis Sultana vs. John Micallef et noe.et : Appell : 20.7.1994.

[15] Emanuel Mizzi vs Carmel.Attard : sentenza ta' din il-Qorti tat-13.5.2003 .

[16] ara Dok. XY1 a fol. 56 .

L-espert mediku Mr. Carmel Sciberras stabilixxa r-rata ta' diżabilita' permanenti li qed isofri minnha l-attur bħala waħda ta'  erbgħa fil-mija (4%).[17]

Fil-kawżi li segwew Butler vs Heard b'mod rigoruż, il-ħajja lavorattiva ma kienitx tiġi kkalkolata a bażi tas-snin kollha li kien għad baqagħla taħdem il-vittma, kieku ma seħħx l-inċident, imma normalment kienet tittieħed ħajja lavorattiva ta' għoxrin (20) jew ħamsa u għoxrin (25) sena. Illum il-ġurnata pero' meta l-*life expectancy* twalet sostanzjalment, tant illi ħafna pajjiżi qed itawwlu wkoll l-eta' tal-pensjoni, ma baqa' ebda raġuni għaliex il-ħajja lavorattiva ma tiġix kalkolata kollha.[18] Meta seħħ dan l-inċident l-attur kellu 40 sena[19] u għalhekk kien għad baqgħalu ħajja lavorattiva ta' ħamsa u għoxrin (25) sena. Għalhekk l-ammont dovut irid jinħadem hekk : Lm8600 (medja ta' paga bażi) x 25 (snin ta' ħajja lavorattiva) x  4% (debilita' permanenti) = Lm8600. Minn dan l-ammont irid jitnaqqas is-solitu kwint  minħabba l-*lump sum payment,* u ċioe' Lm1720, biex l-ammont finali jiġi: Lm6880, jew aħjar illum EUR 16030.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut,

1. tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara lill-konvenut unikament   responsabbli għall-inċident  mertu tal-kawża;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur minħabba fl-istess inċident, fl-ammont ta'  sittax-il elf u tletin ewro (EUR 16030); u

3. tikkundanna lill-istess konvenut sabiex iħallas l-ammont hekk likwidat lill-attur.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċċjali ta' Ottubru 2003, dik spedita lill-kumpanija assikuratriċi

[17] ara rapport a fol. 45
[18] Agius vs.Galea et noe. : Kummerc : 11.7.1989; Buttigieg vs Azzopardi: Kummerc: 25.7.1989; Mario Camilleri vs Mario Borg :Prim'Awla:8.5.1990 .
[19] karta ta' l-identita' tieghu : 18863G .

kontestwalment ma' ċ-ċitazzjoni, dik ta' l-4 ta' Diċembru 2003, tas-16 ta' Marzu 2004, tat-30 ta' Lulju 2004, tas-17 ta' Novembru 2004 u tat-23 ta' Awissu 2005, ikunu a karigu ta' l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------